KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 29.5.2009
KUMM(2009) 251 finali

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-konklużjoni, mill-Kummissjoni, tal-Ftehim għall-kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Gvern tar-Repubblika tal-Indja fil-qasam tar-riċerka dwar l-enerġija mill-fużjoni.

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Is-suġġett: Il-konklużjoni, mill-Kummissjoni, skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 101 tat-Trattat li jistabbilixxi l-KEEA, tal-Ftehim għall-kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Gvern tar-Repubblika tal-Indja fil-qasam tar-riċerka dwar l-enerġija mill-fużjoni.

Fit-22 ta' Lulju 2008, il-Kunsill approva direttivi għall-Kummissjoni sabiex tmexxi n-negozjati dwar Ftehim (il-"Ftehim") għall-kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (l-EURATOM) u l-Gvern tar-Repubblika tal-Indja fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp tal-enerġija mill-fużjoni.

Id-direttivi ssejsu fuq abbozz ta' Ftehim, li ġie diskuss u approvat fil-livell tal-Grupp Konġunt ta' Ħidma dwar ir-riċerka u l-Kwistjonijiet Atomiċi qabel ma ġew approvati d-direttivi bħala Deċiżjoni tal-punt A mill-Kunsill. Matul in-negozjati, ma saru l-ebda tibdiliet sostanzjali lil dan l-abbozz ta' Ftehim.

Il-Kumitat Konsultattiv għall-programm speċifiku tal-Euratom dwar ir-riċerka fuq l-enerġija nukleari (il-Fużjoni) (is-CCE-FU) appoġġa l-intenzjoni li jiġi konkluż Ftehim bħal dan.

F'dak li għandu x'jaqsam mal-KEEA, l-għamliet ta' kooperazzjoni li l-ftehim il-ġdid se jippermetti huma:

teknikament kompatibbli mal-għanijiet xjentifiċi u teknoloġiċi rilevanti għar-riċerka dwar il-fużjoni nukleari, kif stabbiliti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar is-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (Euratom) għar-riċerka nukleari u attivitajiet ta' taħriġ (2007-2011)[1],

finanzjarjament kompatibbli mal-ammont finanzjarju ta' referenza għall-fużjoni fl-istess Deċiżjoni tat-18 ta' Diċembru 2006,

konformi mal-għanijiet xjentifiċi u teknoloġiċi tal-qasam prijoritarju tar-riċerka dwar l-enerġija mill-fużjoni, kif stabbiliti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill tad-19 ta' Diċembru 2006 dwar il-Programm Speċifiku li jimplimenta s-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika (Euratom) għal riċerka nukleari u attivitajiet ta' taħriġ (2007-2011)[2].

Il-Ftehim propost mhux se jkollu konsegwenzi finanzjarji għall-baġit tal-Komunità minħabba li l-attivitajiet kollha ta' kooperazzjoni taħt dan il-ftehim se jkunu f'oqsma li jagħmlu parti mill-programmi tal-UE, u li, b'hekk, se jiġu ffinanzjati mill-iskemi ta' finanzjament rilevanti (bħall-Kuntratti ta' Assoċjazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri, il-Ftehim dwar il-Mobilità tal-Persunal, u skemi oħra ta' finanzjament previsti għall-implimentazzjoni tar-riċerka dwar l-enerġija mill-fużjoni fl-UE).

Il-Ftehim se jkollu jiġi konkluż mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 101(2) tat-Trattat li jistabbilixxi l-KEEA.

Fid-dawl ta' dak imsemmi hawn fuq, il-Kummissjoni tipproponi li l-Kunsill jadotta, b'applikazzjoni tal-Artikolu 101(2) tat-Trattat li jistabbilixxi l-KEEA, l-abbozz mehmuż tal-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, mill-Kummissjoni, ta' Ftehim għall-kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Gvern tar-Repubblika tal-Indja fil-qasam tar-riċerka dwar l-enerġija mill-fużjoni.

---

[1] ĠU L 400, 30.12.2006, p. 60.

[2] ĠU L 400, 30.12.2006, p. 404.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-konklużjoni, mill-Kummissjoni, tal-Ftehim għall-kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Gvern tar-Repubblika tal-Indja fil-qasam tar-riċerka dwar l-enerġija mill-fużjoni.

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikulari l-Artikolu 101(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Billi:

(1) Il-Kummissjoni mexxiet negozjati, skont id-Direttivi tal-Kunsill tat-22 ta' Lulju 2008, dwar Ftehim għall-kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Gvern tar-Repubblika tal-Indja fil-qasam tar-riċerka dwar l-enerġija mill-fużjoni,

(2) Il-konklużjoni, mill-Kummissjoni, tal-Ftehim għandha tiġi approvata,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu uniku

B'dan hija approvata l-konklużjoni, min-naħa tal-Kummissjoni, għal u f'isem il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, tal-Ftehim għall-kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Gvern tar-Repubblika tal-Indja fil-qasam tar-riċerka dwar l-enerġija mill-fużjoni.

It-test tal-Ftehim huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Magħmul fi Brussell, il-[…]

Għall-Kunsill
Il-President

ANNESS

FTEHIM TA' KOOPERAZZJONI

BEJN

IL-KOMUNITÀ EWROPEA TAL-ENERĠIJA ATOMIKA

U

L-GVERN TAR-REPUBBLIKA TAL-INDJA

FIL-QASAM TAR-RIĊERKA DWAR L-ENERĠIJA MILL-FUŻJONI

Il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (l-EURATOM) u l-Gvern tar-Repubblika tal-Indja (minn hawn ’il quddiem imsejħa b’mod kollettiv “il-Partijiet”);

Filwaqt li fil-Ftehim ta' Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Indja dwar is-sħubija u l-iżvilupp, konkluż fl-20 ta' Diċembru 1993, il-Partijiet jimpenjaw irwieħhom li jippromwovu l-kooperazzjoni fil-qasam tal-enerġija u tal-ħarsien tal-ambjent;

Xewqana li jkomplu jippromwovu l-iżvilupp tal-enerġija mill-fużjoni bħala għajn ta' enerġija li potenzjalment ma tagħmilx ħsara lill-ambjent, li hija kompetittiva ekonomikament, u li prattikament hija bla tarf;

FTIEHMU KIF ĠEJ:

Artikolu I

L-għan

L-għan ta' dan il-Ftehim hu li tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn il-Partijiet fl-oqsma koperti mill-programmi ta' fużjoni rispettivi tagħhom, fuq il-bażi ta' benefiċċji reċiproċi u ta’ reċiproċità ġenerali sabiex jiġu żviluppati l-għarfien xjentifiku u l-ħila teknoloġika fl-isfond ta' sistema tal-enerġija mill-fużjoni.

Artikolu II

L-oqsma tal-kooperazzjoni

L-oqsma tal-kooperazzjoni taħt dan il-Ftehim jistgħu jinkludu dawn li ġejjin:

a. tokamaks, inklużi l-proġetti l-kbar tal-ġenerazzjoni preżenti u attivitajiet marbuta ma’ dawk tal-ġenerazzjoni li jmiss;

b. alternattivi għat-tokamaks;

c. it-teknoloġija tal-enerġija mill-fużjoni manjetika;

d. it-teorija tal-plażma u l-fiżika applikata tal-plażma;

e. il-politiki u l-pjanijiet tal-programmi; kif ukoll

f. oqsma oħrajn kif maqbul mill-Partijiet b’mod reċiproku u bil-miktub, safejn ikunu koperti mill-programmi rispettivi tagħhom.

Artikolu III

L-għamliet tal-kooperazzjoni

1. L-għamliet tal-kooperazzjoni taħt dan il-Ftehim jistgħu jinkludu dawn li ġejjin, iżda mhumiex limitati għalihom biss:

   a. l-iskambju u l-għoti ta' tagħrif u ta' dejta dwar attivitajiet, żviluppi, prattiki u riżultati xjentifiċi u tekniċi, u dwar politiki u pjanijiet tal-programmi, inkluż l-iskambju ta' tagħrif mhux mikxuf skont it-termini u l-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikoli VI u VII;

   b. l-iskambju ta' xjenzjati, inġiniera u speċjalisti oħra għal perjodi maqbulin taż-żmien sabiex jieħdu sehem f'esperimenti, f'analiżi, fid-disinn u f'attivitajiet oħrajn tar-riċerka u l-iżvilupp skont l-Artikolu VIII;

   c. l-organizzazzjoni ta' seminars u ta' laqgħat oħrajn għad-diskussjoni u l-iskambju tat-tagħrif dwar temi maqbulin fl-oqsma mniżżlin fl-Artikolu II, u għall-identifikazzjoni ta' attivitajiet ta' kooperazzjoni li jistgħu jsiru b'mod utli skont l-Artikolu V;

   d. l-iskambju u l-għoti ta' kampjuni, materjali u tagħmir (strumenti u komponenti) għall-esperimenti, għall-ittestjar u għall-evalwazzjoni skont l-Artikoli IX u X;

   e. it-twettiq ta' studji, proġetti jew esperimenti konġunti inklużi d-disinn, il-kostruzzjoni u t-tħaddim konġunt tagħhom;

   f. it-twaqqif ta' ħoloq tad-dejta bħall-għodod remoti għall-analiżi tad-dejta, iżda mhux limitati għalihom biss; kif ukoll

   g. għamliet oħra speċifiċi tal-kooperazzjoni kif maqbul b'mod reċiproku mill-Partijiet bil-miktub.

2. Il-Partijiet għandhom jikkoordinaw, kif ikun xieraq, l-attivitajiet skont dan il-Ftehim ma' attivitajiet internazzjonali oħrajn tar-riċerka u l-iżvilupp tal-fużjoni, sabiex jitnaqqsu kemm jista' jkun l-isforzi doppji. F'dan il-Ftehim xejn ma għandu jinftiehem li qed jagħmel ħsara lil ftehimiet eżistenti jew tal-ġejjieni għall-kooperazzjoni bejn il-Partijiet.

Artikolu IV

Il-Kumitat ta' Koordinazzjoni u s-Segretarji Eżekuttivi

1. Il-Partijiet għandhom jistabbilixxu Kumitat ta' Koordinazzjoni biex jikkoordina u jissorvelja t-twettiq tal-attivitajiet taħt dan il-Ftehim. Kull Parti għandha taħtar għadd indaqs ta' membri għall-Kumitat ta' Koordinazzjoni u għandha tinnomina wieħed mill-membri maħtura tagħha bħala l-Kap tad-Delegazzjoni tagħha. Il-Kumitat ta' Koordinazzjoni għandu jiltaqa' kull sena, darba fir-Repubblika tal-Indja u darba fl-Unjoni Ewropea, jew fi żminijiet u postijiet oħra li jaqblu dwarhom huma. Il-Kap tad-Delegazzjoni tal-Parti li tkun qed tilqa' l-Kumitat għandu jippresiedi l-laqgħa.

2. Il-Kumitat ta' Koordinazzjoni għandu jfassal pjan tal-attività ta' kooperazzjoni, u japprova u jirrevedi l-progress tal-attivitajiet ta' kooperazzjoni li jkunu għaddejjin taħt dan il-Ftehim. Huwa għandu wkoll jikkoordina, jipproponi, u japprova attivitajiet ta' kooperazzjoni tal-ġejjieni li jaqgħu fl-ambitu ta' dan il-Ftehim f'dak li

għandu x'jaqsam mal-mertu tekniku u mal-livell tal-isforz tagħhom, sabiex jiġu żgurati l-benefiċċju reċiproku u r-reċiproċità ġenerali fi ħdan il-Ftehim.

3. Id-deċiżjonijiet kollha tal-Kumitat ta' Koordinazzjoni għandhom jittieħdu b'kunsens.

4. Għall-perjodi ta' bejn il-laqgħat tal-Kumitat ta' Koordinazzjoni, kull Parti għandha taħtar Segretarju Eżekuttiv sabiex jaġixxi f'isimha f'kulma għandu x'jaqsam mal-kooperazzjoni taħt dan il-Ftehim. Is-Segretarji Eżekuttivi għandhom ikunu responsabbli għall-amministrazzjoni ta' kuljum ta' din il-kooperazzjoni.

Artikolu V

L-implimentazzjoni

1. Kull Parti għandha taħtar l-entitajiet ix-xierqa għall-implimentazzjoni tal-attivitajiet taħt dan il-Ftehim.

2. Meta l-Kumitat ta' Koordinazzjoni japprova attività ta' kooperazzjoni, għandu japprova, kull fejn ikun xieraq, Pjan tal-Proġett taħt dan il-Ftehim u suġġett għat-termini tiegħu.

3. Kull Pjan tal-Proġett għandu jniżżel l-entitajiet maħtura sabiex jimplimentaw il-proġett, u għandu jinkludi dispożizzjonijiet iddettaljati dwar l-implimentazzjoni tal-attività ta' kooperazzjoni, inkluzi, iżda mhux limitati għalihom biss, l-ambitu tekniku u l-ġestjoni tiegħu, ir-responsabbiltajiet ta' dekontaminazzjoni applikabbli, l-iskambju tat-tagħrif mhux mikxuf, l-iskambju tat-tagħmir, it-trattament tal-proprjetà intellettwali, l-ispejjeż totali, il-qsim tal-ispejjeż u l-iskeda tiegħu, skont kif ikun xieraq.

Artikolu VI

Id-disponibbiltà u t-tixrid tat-tagħrif

1. Suġġetta għal-liġijiet u r-regolamenti applikabbli tagħha u għad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim, kull Parti u dawk maħturin minnha għandhom jimpenjaw irwieħhom biex iqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-Parti l-oħra u ta' dawk maħturin minnha, b'xejn, kwalunkwe tagħrif li jkollhom u li jkun meħtieġ għat-twettiq tal-attivitajiet ta' kollaborazzjoni taħt dan il-Ftehim.

2. Il-Partijiet għandhom jappoġġaw l-usa' tixrid possibbli tat-tagħrif li jkollhom id-dritt jikxfu, u li jkun jew ġie żviluppat b'mod konġunt jew li jkun maħsub li jingħata jew li jkun hemm skambju tiegħu skont dan il-Ftehim, suġġett għall-ħtieġa li jitħares it-tagħrif mhux mikxuf u għall-ħtieġa li titħares il-proprjetà intellettwali maħluqa jew mogħtija taħt dan il-Ftehim.

3. It-tagħrif mibgħut minn Parti waħda lill-Parti l-oħra skont dan il-Ftehim għandu jkun preċiż, safejn tkun taf u temmen il-Parti li tkun qed tibagħtu, iżda l-Parti li tkun qed tibagħtu ma tagħtix garanzija tal-adegwatezza tat-tagħrif mibgħut għal kwalunkwe użu jew applikazzjoni partikulari mill-Parti li tkun qed tirċevih jew minn kwalunkwe parti terza. It-tagħrif żviluppat b'mod konġunt mill-Partijiet għandu jkun preċiż, safejn ikunu jafu u jemmnu ż-żewġ Partijiet. L-ebda Parti ma toffri garanzija tal-preċiżjoni tat-tagħrif żviluppat b'mod konġunt jew tal-adegwatezza tiegħu għal kwalunkwe skop, użu jew applikazzjoni miż-żewġ Partijiet jew minn kwalunkwe parti terza.

Artikolu VII

Il-proprjetà intellettwali

Il-ħarsien u l-allokazzjoni tal-proprjetà intellettwali maħluqa jew mogħtija matul attivitajiet ta' kooperazzjoni skont dan il-Ftehim għandhom ikunu rregolati mid-dispożizzjonijiet fl-Anness A, li għandu jifforma parti integrali minn dan il-Ftehim u li għandu japplika għall-attivitajiet kollha mwettqin skont dan il-Ftehim.

Artikolu VIII

L-iskambji tal-persunal

F'dak li għandu x'jaqsam mal-iskambji tal-persunal bejn il-Partijiet jew dawk maħturin minnhom skont dan il-Ftehim għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet li ġejjin:

a. kull Parti għandha tiżgura l-għażla ta' persunal ikkwalifikat bil-ħiliet u l-kompetenza meħtieġa biex iwettaq l-attivitajiet ippjanati skont dan il-Ftehim. Kull skambju ta' persunal bħal dan għandu jiġi maqbul bil-quddiem b'mod reċiproku permezz ta' skambju tal-ittri bejn il-Partijiet, li jagħmlu referenza għal dan il-Ftehim u għad-dispożizzjonijiet rilevanti tiegħu dwar il-proprjetà intellettwali kif ukoll referenza għall-attività ta' kooperazzjoni kkonċernata;

b. kull Parti għandha tkun responsabbli għall-pagi, l-assigurazzjoni u l-benefiċċji li għandhom jingħataw lill-persunal tagħha li jkun qiegħed fuq skambju;

c. il-Parti li tkun qed tibgħat il-persunal għandha tħallas l-ispejjeż tal-ivvjaġġar u tal-għajxien tal-persunal tagħha li jkun qiegħed fuq skambju fl-istabbiliment ospitanti, sakemm ma jkunx hemm qbil mod ieħor;

d. il-Parti li tkun qed tilqa' lill-persunal għandha tieħu ħsieb li tipprovdi alloġġ xieraq għall-persunal tal-Parti l-oħra li jkun qiegħed fuq skambju (u għall-familji tagħhom li jkunu joqogħdu magħhom) fuq bażi reċiproka u maqbula b'mod reċiproku;

e. il-Parti li tkun qed tilqa' lill-persunal għandha tipprovdi l-għajnuna kollha meħtieġa taħt il-liġijiet u r-regolamenti rilevanti tagħha lill-persunal tal-Parti l-oħra li jkun qiegħed fuq skambju f'dak li għandu x'jaqsam mal-formalitajiet amministrattivi (per eżempju biex tinħariġlu viża);

f. kull Parti għandha tiżgura li l-persunal li jkun qiegħed fuq skambju jobdi r-regoli ġenerali f'dak li għandu x'jaqsam mar-regolamenti dwar ix-xogħol u s-sikurezza fis-seħħ fl-istabbiliment ospitanti;

g. kull Parti tista', bi ħlas minn butha, tosserva attivitajiet speċifiċi tat-testijiet u l-ħidma analitika tal-Parti l-oħra fl-oqsma tal-kooperazzjoni ddefiniti fl-Artikolu II. Din l-osservazzjoni tista' ssir permezz ta' żjarat tal-persunal, suġġetta għall-qbil minn qabel tal-Parti li tkun qed tilqa' lill-persunal f'kull okkażjoni.

Artikolu IX

L-iskambji tat-tagħmir, ta' kampjuni, eċċ.

Fil-każ li jkunu se jkun hemm skambju jew ikunu se jiġu mislufa jew mogħtija tagħmir, strumenti, kampjuni, materjali jew partijiet sfużi meħtieġa (minn hawn 'il quddiem imsejħa "it-tagħmir, eċċ.") minn Parti waħda jew minn dawk maħturin minnha lill-Parti l-oħra jew lil dawk maħturin minnha, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet li ġejjin li jkopru t-trasport bil-baħar u l-użu tat-tagħmir, eċċ.:

a. Il-Parti li tkun qed tibgħat it-tagħmir għandha tagħti, mill-aktar fis possibbli, lista ddettaljata tat-tagħmir, eċċ., li għandu jingħata, bl-ispeċifikazzjonijiet u bid-dokumentazzjoni teknika u tat-tagħrif rilevanti,

b. it-tagħmir, eċċ. ipprovdut mill-Parti li tkun qed tibagħtu għandu jibqa' proprjetà tagħha u għandu jintbagħat lura lill-Parti li tkun qed tibagħtu f'data li għandha tkun stabbilita mill-Kumitat ta' Koordinazzjoni, sakemm ma jkunx hemm qbil mod ieħor fil-Pjan tal-Proġett imsemmi fl-Artikolu V;

c. it-tagħmir, eċċ., għandu jitħaddem biss fl-istabbiliment ospitanti permezz tal-qbil reċiproku bejn il-Partijiet; and

d. il-Parti li tkun qed tirċievi t-tagħmir, eċċ. għandha tipprovdi l-post meħtieġ għalih, u għandha tipprovdi għall-enerġija elettrika, l-ilma, il-gass, eċċ., skont ir-rekwiżiti tekniċi, li għandhom ikunu maqbula b'mod reċiproku mill-Partijiet.

Artikolu X

Dispożizzjonijiet ġenerali

1. Kull Parti għandha twettaq l-attivitajiet ipprovduti f'dan il-Ftehim suġġetta għal-liġijiet u r-regolamenti applikabbli tagħha, u għandha tipprovdi riżorsi skont id-disponibbiltà tal-fondi approprjati.

2. Sakemm ma jkunx hemm qbil speċifiku mod ieħor bil-miktub mill-Partijiet, l-ispejjeż kollha li jirriżultaw mill-kooperazzjoni skont dan il-Ftehim għandhom jinġarru mill-Parti li ġġarrabhom.

3. Il-kwistjonijiet kollha ta' interpretazzjoni jew implimentazzjoni marbuta ma' dan il-Ftehim li jinqalgħu matul it-terminu tiegħu għandhom jissolvew permezz ta' qbil bejn il-Partijiet.

4. Safejn jikkonċerna l-EURATOM, dan il-Ftehim għandu japplika għat-territorji fejn japplika t-Trattat li jistabilixxi l-EURATOM u għat-territorji tal-pajjiżi li qed jieħdu sehem fil-programm tal-fużjoni tal-EURATOM bħala Stati terzi assoċjati bis-sħiħ.

Artikolu XI

It-tul ta' żmien, l-emendar u t-tmiem

1. Dan il-Fteħim għandu jidħol fis-seħħ fil-jum li fih il-Partijiet ikunu għarrfu lil xulxin bil-miktub li l-proċeduri interni rispettivi tagħhom meħtieġa għad-dħul fis-seħħ tiegħu ikunu tlestew, u għandu jibqa' fis-seħħ għal ħames (5) snin. Sakemm waħda mill-Partijiet ma tgħarrafx lill-Parti l-oħra bil-miktub dwar il-ħsieb tagħha li ttemm dan il-Ftehim tal-anqas sitt xhur qabel ma jiskadi, dan il-Ftehim għandu jittawwal b'mod awtomatiku għal perjodi addizzjonali ta' ħames (5) snin.

2. Dan il-Ftehim jista' jkun emendat bi ftehim bil-miktub bejn il-Partijiet.

3. L-isforzi u l-esperimenti konġunti kollha li ma jitlestewx sa meta jintemm jew jiskadi dan il-Ftehim jistgħu jitkomplew sakemm jitlestew skont it-termini ta' dan il-Ftehim.

4. Dan il-Ftehim u kwalunkwe Pjan tal-Proġett li jaqa' fi ħdanu jistgħu jintemmu fi kwalunkwe waqt, skont id-diskrezzjoni ta' kwalunkwe Parti, b'sitt (6) xhur notifika bil-quddiem bil-miktub mill-Parti li tkun trid ittemm dan il-Ftehim jew il-Pjan tal-Proġett. Tmiem bħal dan għandu jkun bla ħsara għad-drittijiet li setgħu nkisbu minn kwalukwe Parti taħt dan il-Ftehim jew il-Pjan tal-Proġett sad-data tat-tmiem.

5. Dan il-Ftehim qed jitfassal f'żewġ kopji bil-lingwa Bulgara, Ċeka, Daniża, Estonjana, Finlandiża, Franċiża, Ġermaniża, Griega, Ingliża, Litwana, Latvjana, Maltija, Olandiża, Pollakka, Portugiża, Rumena, Slovakka, Slovena, Spanjola, Taljana, Ungeriża u Żvediża, u kull test huwa awtentiku ndaqs.

B'xhieda ta' dan, il-firmatarji t'hawn taħt, awtorizzati kif dovut għal dan il-għan, iffirmaw dan il-Ftehim.

Magħmul fi ……..illum il-……..jum ta'……, XXXX,

GĦALL-GVERN TAR-REPUBBLIKA TAL-INDJA:	GĦALL-KOMUNITÀ EWROPEA TAL-ENERĠIJA ATOMIKA:

ANNESS A
ID-DRITTIJIET TAL-PROPRJETÀ INTELLETTWALI

Id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali maħluqin jew mogħtija taħt dan il-Ftehim għandhom jiġu allokati kif ġej:

I. Applikazzjoni

Dan l-Anness japplika għall-attivitajiet kollha ta' kooperazzjoni mwettqin skont dan il-Ftehim, ħlief kif miftiehem speċifikament mod ieħor.

II. Il-pussess, l-allokazzjoni u l-eżerċizzju tad-drittijiet

A. Għall-għanijiet ta' dan il-Ftehim, "proprjetà intellettwali" għandu jkollha t-tifsira mogħtija fl-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni li tistabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Proprjetà Intellettwali, magħmula fi Stokkolma fl-14 ta' Lulju 1967.

B. Dan l-Anness jindirizza l-allokazzjoni tad-drittijiet, tal-interessi u tal-ħlasijiet għad-drittijiet tal-awtur bejn il-Partijiet. Kull Parti għandha tiżgura li l-Parti l-oħra tista' tikseb id-drittijiet għal proprjetà intellettwali allokati lilha f'konformità ma' dan l-Anness. Dan l-Anness ma jibdilx jew jagħmel ħsara mod ieħor lill-allokazzjoni tat-tali drittijiet, interessi u ħlasijiet għad-drittijiet tal-awtur bejn Parti u ċ-ċittadini tagħha, li għandhom ikunu stabbiliti mil-liġijiet u l-prattiki ta' dik il-Parti.

C. Id-drittijiet jew l-obbligi li joħorġu minn dan l-Anness ma għandhomx jiġu affettwati mit-tmiem jew mill-iskadenza ta' dan il-Ftehim.

D. (1) Fil-każ ta' attivitajiet ta' kooperazzjoni bejn il-Partijiet, il-proprjetà intellettwali li toħroġ mir-riċerka konġunta, jiġifieri mir-riċerka li tkun appoġġata miż-żewġ Partijiet, għandha tiġi ttrattata fi Pjan għall-Ġestjoni tat-Teknoloġija (TMP) skont il-prinċipji li ġejjin:

(a) Il-Partijiet għandhom jgħarrfu lil xulxin fi żmien raġonevoli dwar kwalunkwe dritt tal-proprjetà intellettwali li joħroġ minn dan il-Ftehim (jew minn arranġamenti ta' implimentazzjoni rilevanti).

(b) Sakemm ma jkunx hemm qbil mod ieħor, id-drittijiet u l-interessi fil-proprjetà intellettwali maħluqa matul riċerka konġunta għandhom ikunu jistgħu jiġu sfruttati miż-żewġ Partijiet mingħajr restrizzjoni territorjali.

(c) Kull Parti għandha tfittex ħarsien f'waqtu għall-proprjetà intellettwali li għaliha tikseb id-drittijiet u l-interessi taħt il-Pjan għall-Ġestjoni tat-Teknoloġija.

(d) Kull Parti għandu jkollha liċenzja mhux esklużiva, li ma tistax tiġi rrevokata, u mingħajr ħlasijiet għad-drittijiet tal-awtur sabiex tuża kwalunkwe proprjetà intellettwali li tirriżulta taħt dan il-Ftehim għal għanijiet tar-riċerka biss.

(e) Riċerkaturi viżitaturi li jkunu ħadu sehem fil-ħolqien ta' proprjetà intellettwali għandhom jirċievu d-drittijiet tal-proprjetà intellettwali u sehem mill-ħlasijiet tad-drittijiet tal-awtur miksuba mill-istituzzjonijiet ospitanti mill-għoti tal-liċenzji tat-tali drittijiet tal-proprjetà intellettwali skont il-politiki tal-istituzzjonijiet ospitanti. Kull Parti għandha tagħti lir-riċerkaturi viżitaturi trattament li mhuwiex inqas favorevoli minn dak li tagħti liċ-ċittadini tagħha stess

f’dak li għandu x'jaqsam mal-għoti tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali u tal-ħlasijiet għad-drittijiet tal-awtur imsemmija qabel. Barra minn hekk, kull riċerkatur viżitatur imsemmi bħala inventur għandu jkun intitolat għal trattament bħal ċittadin tal-Parti ospitanti f’dak li għandu x'jaqsam ma’ premji, bonuses, benefiċċji, jew kwalunkwe premju ieħor, skont il-politika tal-istituzzjoni ospitanti u l-liġijiet rispettivi tal-Partijiet applikabbli f’dan il-każ.

(2) Fil-każ ta’ attivitajiet ta’ kooperazzjoni li mhumiex riċerka konġunta u li jaqgħu fi ħdan id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu II.D.(1), kull Parti għandha teħtieġ, sal-punt meħtieġ mil-liġijiet u r-regolamenti tagħha, li l-parteċipanti kollha tagħha jidħlu fi ftehimiet speċifiċi dwar l-implimentazzjoni ta’ attivitajiet tar-riċerka konġunta u dwar id-drittijiet u l-obbligi rispettivi tal-parteċipanti. F’dak li għandu x’jaqsam mal-proprjetà intellettwali, normalment il-ftehimiet għandhom jindirizzaw, fost oħrajn, il-pussess, il-ħarsien, id-drittijiet tal-utent għall-għanijiet ta' riċerka, l-isfruttament u t-tixrid, inklużi l-arranġamenti għall-pubblikazzjoni konġunta, id-drittijiet u l-obbligi tar-riċerkaturi viżitaturi u l-proċeduri għar-riżoluzzjoni tat-tilwim. Il-ftehimiet jistgħu jindirizzaw ukoll kwistjonijiet oħra bħall-aċċess għal tagħrif preliminari u fl-isfond, l-għoti ta’ liċenzji u r-riżultati.

E. Filwaqt li jinżammu l-kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni fl-oqsma affettwati minn dan il-Ftehim, kull Parti għandha tagħmel ħilitha sabiex tiżgura li d-drittijiet miksuba bis-saħħa ta' dan il-Ftehim u l-arranġamenti magħmula taħtu jkunu eżerċitati b'tali mod li jitrawmu, b’mod partikulari, (i) l-użu tat-tagħrif maħluq taħt dan il-Ftehim jewinkella li jkun sar disponibbli taħtu, u t-tixrid tiegħu safejn dan ikun konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan il-Ftehim, mad-dispożizzjonijiet tat-Taqsima IV tiegħu u ma’ kwalunkwe regola li tista' tkun fis-seħħ taħt il-liġijiet applikabbli tal-Partijiet li jkunu qed jirregolaw it-trattament ta' tagħrif sensittiv jew kunfidenzali fil-qasam nukleari, u (ii) l-adozzjoni u l-implimentazzjoni ta' standards internazzjonali.

III. Xogħlijiet bid-drittijiet tal-awtur

Skont it-termini ta' dan il-Ftehim, drittijiet tal-awtur li jkunu proprjetà tal-Partijiet għandhom jiġu ttrattati b’mod konsistenti mal-Ftehim dwar Aspetti tad-Drittijiet tal-Proprjetà Intellettwali Relatati mal-Kummerċ amministrat mill-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ.

IV. Xogħlijiet Xjentifiċi Letterarji

Suġġetti għat-trattament ipprovdut għal tagħrif mhux mikxuf fit-Taqsima V, għandhom japplikaw il-proċeduri li ġejjin:

A. Kull Parti għandha tkun intitolata għal liċenzja mhux esklużiva, li ma tistax tiġi rrevokata, u mingħajr ħlasijiet għad-drittijiet tal-awtur fil-pajjiżi kollha sabiex tittraduċi, tipproduċi mill-ġdid u xxerred b’mod pubbliku t-tagħrif misjub f'ġurnali, artikli, rapporti, kotba, jew mezzi oħra xjentifiċi u tekniċi, li jirriżulta b’mod dirett minn riċerka konġunta mill-Partijiet jew f’isimhom skont dan il-Ftehim.

B. Il-kopji kollha ta' xogħol bid-drittijiet tal-awtur imħejji taħt din id-dispożizzjoni mxerrdin b’mod pubbliku għandhom jindikaw l-ismijiet tal-awturi tax-xogħol, sakemm l-awtur ma jkunx għażel, b’mod espliċitu, li ma

jissemmiex. Għandu jkollhom ukoll rikonoxximent viżibbli b'mod ċar tal-appoġġ kooperattiv tal-Partijiet.

V. Tagħrif mhux mikxuf

A. Tagħrif dokumentarju mhux mikxuf

(1) Kull Parti għandha tidentifika mill-aktar fis possibbli t-tagħrif li tixtieq li jibqa' ma jinkixifx b'rabta ma' dan il-Ftehim, filwaqt li jitqiesu, fost l-oħrajn, il-kriterji li ġejjin:

(a) it-tagħrif huwa sigriet fis-sens li, kollu kemm hu jew fil-konfigurazzjoni preċiża tal-komponenti tiegħu, mhux magħruf b'mod ġenerali jew aċċessibbli b'mod faċli b'mezzi legali;

(b) it-tagħrif għandu valur kummerċjali reali jew potenzjali minħabba s-segretezza tiegħu; kif ukoll

(c) it-tagħrif kien suġġett għal passi mill-persuna legalment fil-kontroll sabiex tinżamm is-segretezza tiegħu li kienu raġonevoli fiċ-ċirkustanzi. F'ċerti każijiet il-Partijiet jistgħu jaqblu li, sakemm ma jkunx indikat mod ieħor, it-tagħrif kollu pprovdut, skambjat jew maħluq matul riċerka konġunta mwettqa skont dan il-Ftehim, jew parti minnu, ma jkunx jista' jinkixef.

(2) Kull Parti għandha tiżgura li t-tagħrif mhux mikxuf taħt dan il-Ftehim u, minħabba f'hekk, in-natura pprivileġġata tiegħu, jingħaraf b'mod faċli bħala tali mill-Parti l-oħra, per eżempju permezz ta' marki xierqa jew turija ta' restrizzjoni. Dan japplika wkoll għal kwalunkwe riproduzzjoni, sħiħa jew parzjali, tat-tagħrif imsemmi. Parti jew parteċipant li jirċievu tagħrif mhux mikxuf skont dan il-Ftehim għandhom jirrispettaw in-natura pprivileġġata tiegħu. Dawn il-limitazzjonijiet għandhom jintemmu b'mod awtomatiku meta dan it-tagħrif jinkixef mis-sid mingħajr restrizzjonijiet.

(3) Tagħrif mhux mikxuf li jiġi kkomunikat taħt dan il-Ftehim jista' jixtered mill-Parti li tkun qed tirċevih lill-persuni impjegati minnha, inklużi l-kuntratturi tagħha, u lil dipartimenti oħra kkonċernati tal-Parti awtorizzati għall-għanijiet speċifiċi tar-riċerka konġunta li tkun għaddejja, fuq il-bażi ta' ħtieġa għall-għarfien biss, u dejjem jekk kwalunkwe tagħrif mhux mikxuf li jixtered b'dan il-mod jitħares skont dan l-Anness u safejn jipprovdu l-liġijiet u r-regolamenti ta' kull Parti, u għandu jkun jingħaraf b'mod faċli bħala tali, kif stipulat hawn fuq.

B. Tagħrif mhux mikxuf li mhux dokumentarju

Tagħrif mhux mikxuf li mhux dokumentarju jew tagħrif ieħor kunfidenzali jew ipprivileġġat ipprovdut f'seminars u f'laqgħat oħra organizzati taħt dan il-Ftehim, jew tagħrif li joħroġ mis-sekondar tal-persunal, mill-użu tal-faċilitajiet, jew minn proġetti konġunti, għandu jiġi ttrattat mill-Partijiet jew minn dawk maħtura minnhom skont il-prinċipji speċifikati għat-tagħrif dokumentarju f'dan il-Ftehim, dejjem jekk, madanakollu, ir-reċipjent tat-tali tagħrif mhux mikxuf jew ta' tagħrif ieħor kunfidenzali jew ipprivileġġat ikun ġie mgħarraf bil-miktub dwar il-karattru kunfidenzjali tat-tagħrif ikkomunikat sa mhux aktar tard minn meta tkun saret it-tali komunikazzjoni.

C. Kontroll

Kull Parti għandha tagħmel ħilitha sabiex tiżgura li tagħrif mhux mixkuf li tkun irċeviet skont dan il-Ftehim ikun ikkontrollat kif ipprovdut hawnhekk. Jekk waħda mill-Partijiet issir konxja li mhix se tkun, jew li huwa raġonevolment mistenni li mhux se tkun, f'qagħda li tissodisfa d-dispożizzjonijiet kontra t-tixrid tal-paragrafi A u B t'hawn fuq, għandha tgħarraf immedjatament lill-Parti l-oħra. Minn hemm 'il quddiem, il-Partijiet għandhom jikkonsultaw lil xulxin sabiex ifasslu azzjoni xierqa.

VI. Ir-riżoluzzjoni tat-tilwim u tipi ġodda jew mhux previsti ta' proprjetà intellettwali

A. It-tilwim bejn il-Partijiet dwar il-proprjetà intellettwali għandu jissolva skont l-Artikolu X, 3. Madanakollu, bi qbil reċiproku tal-Partijiet, tilwima bħal din tista' titressaq quddiem tribunal internazzjonali tal-arbitraġġ għal arbitraġġ li jorbot skont ir-regoli applikabbli tal-liġi internazzjonali. Sakemm ma jkunx hemm qbil mod ieħor, għandhom japplikaw ir-regoli tal-arbitraġġ tal-UNCITRAL.

B. Fil-każ li xi Parti tikkonkludi li jista' jirriżulta tip ġdid ta' proprjetà intellettwali li mhux kopert fi Pjan għall-Ġestjoni tat-Teknoloġija jew fi ftehim bejn entitajiet maħtura minn attività ta' kooperazzjoni mwettqa skont dan il-Ftehim, jew jekk jinqalgħu xi diffikultajiet mhux previsti oħrajn, il-Partijiet għandhom jibdew diskussjonijiet immedjati bil-ħsieb li jiżguraw li jkun hemm dispożizzjonijiet adegwati għall-ħarsien, l-isfruttament u t-tixrid tal-proprjetà intellettwali kkonċernata fit-territorji rispettivi tagħhom.